**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2016.

Talba Numru: 312/2015AM3

Numru fuq il-Lista: 6

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu, Marsa, MRS 1501**

**vs**

**Sammut Charles (ID491167M)**
**Bellagio, Blokk B, Flat 6,**
**Triq San Guzepp,**
**Pieta**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' sitt mija u disghin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€690.53c) dovuta mill-konvenut lis-Socjeta` attrici rappreżentanti ammont in konnessjoni mas-servizz ta' kommunikazzjoni bil-kont numru *A/C 40060345* mogħtija mis-Soċjeta' attriċi lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit ta' Charmaine Wiffen rappreżentanta tas-Soċjeta` attriċi li permezz tieghu kkonfermat bil-ġurament illi l-ammont pretiż mil-konvenut għadu dovut u ma tħallasx lanqas in parte.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' sitt mija u disghin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€690.53c) bl-imgħax legali dekorribbli mis-06 t' Awwissu, 2014 , li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numerata 1673/14 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a karigu tal-konvenuta.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**